# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 353/2020TA**

**Michael Vella flimkien ma' martu Michelle Vella, a nom u in rappreżentanza ta' ibnu minorenni Jean Claude Vella, u b'digriet tas-26 ta' Ġunju, 2023 Jean Claude Vella qed jassumi l-atti f'ismu proprju stante li sar maġġorenni**

**v.**

**Marjan Lee Pantalleresco u Frances Pantalleresco**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża dwar ġrieħi sofferti minn gidma ta' kelb.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-20 ta' Awwissu 2018 l-attur Jean Claude Vella safa' migdum f'saqajh minn kelb tar-razza *American Pitbull*. L-attur kien għadu minorenni meta seħħ dan l-inċident. Il-kelb in kwistjoni kien mal-konvenuta Frances Pantelleresco iżda ma kellux ċinga, u għalxejn sejjħitlu diversi drabi waqt l-inċident għax ma semgħax minnha. Il-kelb kien reġistrat fuq il-konvenut Marjan Lee Pantelleresco li jiġi iben il-konvenuta. Il-konvenut jgħid illi l-aċċident seħħ meta huwa ma kienx id-dar u għalhekk ma kellu l-ebda kontroll fuq il-kelb.

3. L-atturi talbu lil l-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat, konsegwenza tal-agressjoni li seħħet nhar l-20 ta' Awwissu 2018.
>
> 2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni u lispejjeż sofferti mir-rikorrenti, konsistenti dawn id-danni fi spejjeż inkorsi kaġun tal-agressjoni datata 20 ta' Awwissu 2018, u danni konsistenti fi ħsara morali u psikoloġika, debilita' psikjatrika u permanenti fil-persuna tal-istess Jean Claude Vella, u konsegwentement telf ta' qliegħ.
>
> 3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati u dan flimkien ma' l-imgħaxijiet dekoribli mid-data tan-notifika tal-ittra ġudizzjarja li preċediet dawn il- proċeduri."

4. Il-konvenut Marjan Lee Pantalleresco eċċepixxa:

> 1. Illi preliminarjament il-konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-kelb ma kienx irreġistrat fuqu u aktar minn hekk ma kienx hu illi ħalla b'xi mod il-kelb jiġri barra fil-viċinanzi tal-fond fejn jirrisjedi.

2. Illi r-rapport li sar mal-pulizija eżekuttiva, b'mod partikolari ma' PS931, Carmel Zarb fl-għassa ta' Bormla rigward l-inċident, u kif preżentat mar-rikors promotur ta' din il-kawża, qiegħed jirreferi għal xi wħud minn nies b'mod skorrett.

3. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju l-konvenut ma kkawża l-ebda danni lill-attur.

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju jekk jirriżulta li l-attur sofra xi danni, dawn seħħew minħabba aġir ta' l-istess attur u lkonvenut għamel dak kollu meħtieġ biex l-imsemmija danni jiġu evitati.

5. Illi bla preġudizzju għall-premess, il-konvenut ma kienx responsabbli għall-inċident stradali de quo u għalhekk ma kkaġuna ebda danni lill-attur

6. Illi bla preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe każ, il-quantum taddanni pretiż mill-atturi huwa kontestat għaliex huwa eċċessiv u ma jirrispekkjax id-danni li attwalment, realment u materjalment kienu mġarra mill-atturi bħala konsegwenza tal-inċident in eżami.

7. Illi in vista tal-premess, il-konvenut m'għandux ibgħati spejjeż ġudizzjarji.

8. Illi l-konvenut jirreferi ukoll għall-fatt li matul il-proċeduri quddiem ilqrati tal-maġistrati, il-provi nbidlu diversi drabi.

9. Illi l-konvenut jagħmel riferenza għall-ittra uffiċċjali kif annessa marrikors promotur li hija nieqsa minn formalitajiet li huma rikjesti mil-Liġi bħal data u l-fatt illi mhix kopja legali.

10. Illi l-istess imsemmija ittra uffiċjali, sa llum il-ġurnata l-konvenut għadu ma ġiex notifikat biha.

11.Illi l-istess ittra ġudizzjarja qegħda tiġi preżentata kontestwalment mar-rikors ta' din il-kawża.

12 Illi għalkemm ġew ppreżentati ritratti tal-ġrieħi kif ukoll rapporti mediċi tal-istess ġrieħi imġarrbin mill-minuri Jean Claude Vella, ma ġiex determinat il-persentaġġ ta' diżabilita li setgħa sofra l-istess minuri.

13.Illi l-konvenut jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tieħu in konsiderazzjoni, filwaqt li jirreferi għal case summary maħruġ mill-konsulent Mr. Joseph Briffa, illi ma nstab ebda dannu fil-muskoli, tendini u kif ukoll fin-nervituri.

14. Illi l-konvenut jirreferi għall-fatt illi d-danni sofferti mill-minuri sovra ċitat Jean Claude Vella huma kollha estetiċi.

15. Illi l-konvenut jirreferi ukoll għall-fatt li kif gia irritenew il-kelb qatt ma wera natura aggressiva u dan ġie kkonfermat mill-veterinarju Dr. Luke Verzin li wara l-eżaminazzjoni tal-kelb ikkonkluda li dak li ġie mistqarr mill-konvenut kienu minnu u oltre minn hekk il-kelb deher beżgħan.

16. Illi l-konvenut jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex rigward l-inċident da parti tal-atturi jixhed biss il-vittma Jean Claude Vella hekk kif hu biss kien preżenti u jista' jirrimarka x'ġara.

17. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju it-talba attriċi hija eċċessiva.

5. Il-konvenuta Frances Pantelleresco baqgħet kontumaċi.

6. Dwar ir-responsabiltà tal-konvenuta Frances Pantelleresco, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

"9. Minn dak li kkunsidrat il-Qorti fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti ma għandha ebda diffikulta' biex tgħid li l-konvenuti flimkien għandhom iwieġbu għal dak li soffra l-Attur.

10. Jibda jingħad li jirrisulta li l-Attur qal hekk: "Jiena tfajt il-kaxxa u kien hawn li kien gie 'rakant ghalija u beda jnejjeb ghalija. F'daqqa wahdu rajtu quddiemi, fejn ma 'ccaqlaqtx imma bdejt nghajjat lill-missieri u kien hawn li hatafli saqajha (recte saqajja) 'l leminija, tajt (recte taht) l-irkoppa. Il-kelb imbaghad waqqani mal-art u dar ghas-sieq ix-xellugija u kien hawn li jiena zidt fl-ghajjat u l-kelb beda jifferocja aktar u kien hawn li qabad iqattani u kompla sakemm telaqni. Imbagha giet sidhu, mara, fejn qbadtha mill-flokk tac-cingi u ftit wara nara lil missieri u ntlift minn sensija". (rapport tal-Pulizija a' fol 13).

11. Dan jixhed ukoll li "Kif poggejt il-kaxxa fethitlu sidu … dort u sibt lil kelb inejjeb ghalija". Fix-xhieda tiegħu jikkonferma l-verżjoni li ta lill-Pulizija fuq imsemmija (a' fol 59 tergo). Għalkemm, f'mument minnhom ilkonvenuta bħal donnha tat x'jifhem lill-Pulizija li ma kienx il-kelb tagħhom li attakka lill-Attur, mill-assjem tal-provi fil-kuntest tal-akkadut, din il-Qorti hija moralment konvinta, li dak li ġara kien li l-konvenuta li ħarġet lill-kelb mingħajr ċinga u sarima. Li kienet toħroġ lil dan il-kelb mingħajr ċinga, jidher li kienet ħaġa abitwali anke jekk skont il-konvenut kien hemm ċinga wara l-bieb. Fil-fatt l-istess konvenut jixhed li kien xeba' jgħidilha sabiex il-kelb toħorġu biċ-ċinga. Jew jekk mhux biċ-ċinga bis-sarima milbusa sew (a' fol 71). Minn hawn jemerġi ċar, li din li l-kelb ħareġ mingħajr ċinga ma kienitx okkażjoni ta' darba. L-anqas ma hemm dubbju, li dan il-kelb filmument kien taħt il-kustodja tal-konvenuta tant li wara li seħħ l-inċident bdiet tgħajjatlu u ma riedtx imur ħdejha" (a' fol 51 ).

12. Artikolu 3 tal-avviż 312.01 jagħmilha ċara li:

(1) Ebda persuna li jkollha xi kelb taht il-kontroll taghha ma ghandha thalli li dak il-kelb jiggerra u meta dak il-kelb jittiehed f'xi triq, ghandu jinzamm b'cinga:….

(2) Jekk persuna tkun taf jew tissuspetta li l-kelb li jkun taht il-kontroll taghha huwa temperamentali jew perikoluz jew jista' jwegga' lil xi persuna, dik il-persuna ghandha tara li l-kelb jintlibes sarima f'kull hin f'kull post pubbliku.

13. Minn dan il-bran tal-liġi li jikkumplimenta bl-ispeċifiku l-artikolu 1040 tal-Kodiċi Ċivili li jistabilixxi l-prinċipju ġenerali, jagħmilha mandatorja, li kelb, anke meta ma jkunx temperamentali, għandu dejjem jinżamm fuq ċinga. Imma anke kieku ma kienx hemm dan l-avviż legali, is-sens kommun jiddetta li sid tal-animal għandu dejjem jara li dan ma jkunx ta' perikolu għal ħadd ieħor. Dan joħroġ ukoll mill-obbligi ġenerali tal-liġi bis-saħħa tal-artikoli 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili.

14. F'dan ir-rigward intqal hekk:

"Illi, f'dan il-kaz, jidhol l-aspett tar-rabta tal-imharrek mal-incident. Il-ligi taghmilha cara li sid ta' annimal huwa responsabbli ghall-hsara li dik ilbhima tikkawza lil haddiehor, u din ir-responsabbilta' tghodd kemm jekk lannimal ikun taht il-kontroll tas-sid u wkoll jekk ikun jahrab lil sidu. Ghalkemm sid ta' annimal jitqies responsabbli, tali presunzjoni hija wahda juris tantum, u jehtieg li min igarrab hsara juri li kien l-annimal tal-imharrek li kien il-kawza tal- hsara imgarrba (Ara App. Civ. 10.1.1964 fil-kawza flismijiet Mallia vs Xuereb Montebello (Kollez. Vol: XLVIII.i.20). Izda ladarba din ir-rabta tintwera kif imiss ghas-sudisfazzjon tal-Qorti, irresponsabbilta' li titnissel hija wahda assoluta, li taqa' biss bil-prova li l-fatt sehh minhabba forza magguri jew minhabba l-htija ta' min ikun garrab ilhsara (Ara P.A. 21.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet Scicluna vs Zahra (Kollez. Vol: LI.ii.804). Din il-prova trid issir minn sid l-annimal innifsu (Ara Sentenza tal-Prim Awla tal-4 ta' Marzu 1963 fl-ismijiet Mercieca -vsZammit [Kollez. Vol: XLVII.ii.68.Emfażi tal-Qorti).

15. Tajjeb li jingħad li kwantu jirrigwarda lil sid il-kelb, din is-Sentenza tesprimi l-istess osservazzjonijiet tal-bran ċitat aktar 'l fuq u cioe' li rresponsabbilita' tiegħu hija waħda assoluta u l-uniku difiża li jista' jkollu huma l-forza maġġuri jew li d-danneġjat ikun ġab is-sitwitazzjoni b'idejh bħal meta jkun nibex lill-annimal jew prova jsawwtu. Issa mill-provi li għandha l-Qorti ma jirrisulta minn imkien li dan il-każ. Il-kovenuta mhux biss baqgħet kontumaċi iżda l-anqas offriet ix-xhieda tagħha biex tirribatti it-teżi tal-Attur.

16. Dawn l-osservazzjonijiet huma riflessi konstantament flermenawtika lokali tant li fis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Rogerson -vs- Dowling** (Vol. XIX P.1 p.145) intqal hekk:

*"Che la disposizzione sopra citata mette a carico del proprietario la responsabilita' dell danno cagionato dell'animale talche egli non ne viene esonerato allegando la mancanza di colpa da parte sua ma vuolsi dimostrare il fortuito o la forza maggiore o fatto colposo di un terzo ovvero di chi a sofferto il danno come causa diretta di questo."*

17. Di piu f'każ simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, dawn il-Qrati osservaw li "*l-appellanta setgħet tipprevedi li kelba ta' razza pitbull, di natura perikoluża, imħollija tiġri d-dar bla ċinga jew irbit u mingħajr sarima ma ħalqha, setgħet faċilment taħrab, toħroġ mill-bieb tad-dar u tagħmel tagħmel għal, kif ukoll tagħmel ħsara, lil persuni oħra. Bid-dovut rispett, huwa bil-wisq prevedibbli li jekk kelba bħal dik, li titħalla tiġri liberament mad-dar, malli ssib il-bieb miftuh tkun tista' toħroġ barra. U kif toħroġ mill-bieb ta' barra, jirriżulta li dan il-bieb jagħti mill-ewwel għat-triq pubblika, fejn hemm residenzi oħra u garages fejn imorru u jgħaddu n-nies*." (Ara Sentenza tal-5 t'April 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Ruth Scerri, Qorti tal-Appell Kriminali).

18. Kien dan kollu li x'aktarx wassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex korrettement tikkonkludi li Frances Pantellersco messha l-ewwel aċċertat li l-kelb kien fuq iċ-ċinga biex tevita li jaħirbilha kif fil-fatt ġara (a' fol 22). Issa fil-kamp penali kwantum tal-prova meħtieġa hija ħafna aktar esiġenti, għaliex trid tkun tali li ma tħalli ebda dubbju lil hinn minn dak li tiddetta rraġuni, mela kemm aktar tista' tasal għall-istess konklużjoni fil-kamp ċivili li l-Qorti meta l-kwantum tal-prova huwa dak tal-preponderanza tal-fatti u l-bilanċ tal-probabilitajiet (Ara Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003, **Prim Awla, fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq)**.

19. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti l-anqas tista' ma ssibx lillkonvenuta responsabbli għall-inċident."

7. Dwar ir-responsabilta` tal-konvenut Marjan Lee Pantelleresco, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

"20. Il-kwistjoni l-oħra tirrigwarda lill-konvenut l-ieħor. Il-Qorti tibda biex tgħid, li ftit tagħmel differenza jekk dan il-kelb kienx formalment dar fuq isem il-persuna. Li jrid jirrisulta huwa, li l-persuna tkun tassew qed tippresenta lilha nnifisha bħala sid l-annimal. Jibda biex jingħad li in eżami, il-konvenut jammetti li dan il-kelb kien tiegħu u dan jgħidu mingħajr ebda tlaqliq (ara seduta tal-11 ta' Mejju 2023). Tant kien tiegħu li saħansitra jgħid li jekk joħduhulu jmur jaqbeż.

21. Huwa jiddefendi lilu innifsu bil-fatt li fil-mument li seħħ l-inċident ma kienx id-dar għaliex kien għadu barra. Jgħid saħansitra li ma jafx x'ġara esatt għaliex kien rieqed u meta ommu provat tqajmu biex tgħidlu x'ġara qalilha tħallih jorqod (a' fol 70 tergo). Iġifieri anke wara li seħħ l-inċident ma tax kas għalkemm kien jaf x'ġara tant li qajmuh il-Pulizija (a' fol 69 Rik. Nru. 353/20TA 12 tergo). Pero' jgħid ukoll, li kif diġa' aċċennat, li kien xeba' jgħidilha lil ommu sabiex il-kelb toħorġu biċ-ċinga jekk mhux biċ-ċinga bis-sarima milbusa sew (a' fol 71). B'dan kollu jidher, li ommu qatt ma tat kasu u flok qallha toħorġux aktar saħansitra jipprova jiskuża għemilha meta jgħid li minn mara bħal dik tistenniha, b'referenza għall-eta' tagħha ta' sitta u sittin sena.

22. B'dana kollu, anke kieku ma hemmx dawn il-fatti, minn aspett legali żewġ ċirkostanzi biss jistgħu jeżoneraw lis-sid mir-responsabbilita': ilforza maġġuri jew jekk il-vittma tkun tat okkażjoni għall-inċident. Din ilprova kellhom jagħmluha l-konvenuti u partikularment il-konvenut, għaliex altrimenti r-responsabbilita' tiegħu hija assoluta.

23. Issa kif spjegat fis-Sentenza fl-ismijiet **Annunziato D'Amato et -vs- Joseph Camilleri et, Appell Ċivili tat-3 ta' Marzu 1958**, meta l-att li jikkaġuna d-danni jkun jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, irresponsabilita` ta' min għamel dak l-att hija assoluta bil-konsegwenza li min irid jeħles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tatterz jew il-vis major. Li ma kienx hekk, kull sid ta' animal jista' jiskarta milli jkun responsabbli għar-raġuni li meta jseħħ l-inċident dannuż millanimal hu ma kienx presenti. Dan huwa ben spjegat mill-Awturi u sentenzi fuq imsemmija.

24. Għalhekk huwa ċar li anke l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li sofra l-Attur flimkien mal-konvenuta"

8. Dwar id-danni, l-Ewwel Qorti qalet:

25. Stabbilit li konvenuti għandhom iwieġbu għad-danni li sofra l-Attur, issa jmiss li dawn jiġu likwidati.

26. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).
*- omissis -*
Damnum Emergens

29. Dwar dan l-aspett ta' danni ma inġiebet ebda prova tant li anke finnota ta' osservazzjoniiet tal-Attur, dan il-punt l-anqas ġie trattat. Għalhekk il-Qorti ma hi ser tillikwida ebda danni f'dan ir-rigward.
*- omissis –*

32. L-ewwel ħaġa li din il-Qorti trid tevalwa huwa l-aspett talperċentwalita' ta' diżabilita permanenti sofferta mill-Attur. Ħadd millpartijiet ma talab il-ħatra ta' tabib espert u l-konvenuti bl-ebda mod ma jidher li kkontestaw dawn ir-rapporti tant li fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023 iddikjaraw li qegħdin jistrieħu fuq l-atti.

33. It-tabib Joseph Briffa, speċjalizzat fil-kirurġija plastika u rikostruttiva, wara eżamina lill-Attur jgħid, li l-uġiegħ ġeneralment jonqos, maż-żmien, pero' jista' jkun hemm xi ftit uġiegħ li jibqa' għal dejjem iva (a' fol 88). Dan it-tabib jirraporta d-diżabilta' permanenti hija dik ta' 9% (a' fol 101). Mentri Dr. Kristina Bettanzana, psikjatra, eżaminat lill-Attur f'Mejju tal-2012 iġifieri ftit anqas minn tlett snin wara l-inċident. Din it-tabiba tat 12% disabilta' permanenti. Meta din il-Qorti qieset il-weighted average ta' dawn iż-żewġ rapport qieset li diżabilita' permanenti ta' 18% tkun ġusta fiċ-ċirkostanzi.

34. It-telf futur jiġi ukoll kalkolat fuq is-salarju jew entrojtu taddanneġġat. Għal darba oħra ma jidhirx li ġew presentati xi dokumenti dwar il-qliegħ tal-Attur. Pero' tajjeb li jingħad li li meta seħħ l-inċident huwa kellu 14-il sena. L-Attur sar maġġorenni fil-mori ta' din il-Kawża u dwar l-impieg tiegħu jixhed li llum jaħdem bħala petrol attendant u bilwaqfien ġieli taffettwah (a' fol 63 tergo u a' fol 64). Jaqla' €250 ewro filġimgħa. Il-Qorti issib li dan is-salarju huwa wieħed raġjonevoli u għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex taħdem fuqu.

35. Dwar l-aspettativa tal-ħajja, illum huwa ben stabbilit li din għandha tkun kalkolata sal-eta' pensjonabbli u cioe' dik ta' 65 sena. Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 14-il sena. Skond Avviż Legali 452.92, l-eta' ta' persuna tikkwalifika għal xi impieg hi meta jkollha 16-il sena salv għal xi eċċezzjonijiet li ma humiex applikabbli għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

36. Fil-każ ta' meta minuri jkun iddanneġġjat intqal ukoll li "*Given the claimant's young age and disabilities, it is not possible to form any view of his employment prospects save by reference to the duration and employment attained of his parents and other members of his family…. there are always difficulties in predicting the likely career path of a child as young as a claimant. A good starting point is to look at the employment history of his parents and other close relatives*" (Ara **Whiten -vs- Healthcare NHS Trust [2022] EWHC 2066 (QB) at 113, ċitata minn Munken On damages and personal injuries and Death, Lexis Nexis**, **12th Ed pg 95**).

37. Issa kif diġa' rilevat ma saret ebda prova dwar dak li jgħid l-Awtur appena ċitat. Nafu pero' li llum l-Attur jaħdem bħala petrol attendant bissalarju fuq imsemmi. Dan ifisser li ż-żmien li jrid jittieħed huwa dak ta' bejn sittax-il sena, l-eta' legali ta' meta persuna jista jkollha impieg, saleta' pensjonabbli. Dan ifisser li l-ammont ta' snin li ser tikkalkula fuqhom il-Qorti huwa dak ta' disgħa u erbgħin sena (49). Il-Qorti tħoss

li ma għandhiex tnaqqas minn dan l-ammont ta' snin għaliex ma jirrisultalhiex li l-Attur kien ibati minn xi kundizzjonijiet mediċi qabel l-inċident li li kieku kienu jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tal-element taċ-*chances u changes of life*.

38. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa bħala prinċipju dak ta' 20%. Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA tas-16 ta' Lulju, 2001**]. Fis-Sentenza tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri tal-5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" (ara **Agius vs Fenech tal-Prim Awla tad-29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-Sentenza tal-Prim Awla **Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li f'dik **ta' Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu 1999** u **Caruana -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenza **Galea vs Piscopo PA tat-3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna -vs- Meilaq PA tas-16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup tat-28 ta' Novembru 2003**.

39. Din il-Qorti tosserva li ma jsir ebda tnaqqis jekk Kawża tiġi deċiża qabel sentejn, għaliex dan huwa żmien raġjonevolment mistenni biex Kawża tkun deċiża għal kollox. Iżda jiddependi kemm mill-kumplessita' o meno tal-każ u anke mill-kooperazzjoni tal-partijiet. Din il-Kawża ħadet tlett snin u nofs sakemm ġiet deċiża. Għalhekk ikun ġust li l-lump sum payment ikun ta' 18%.

8. L-Ewwel Qorti llikwidat id-danni kif ġej:-

"40. Għalhekk id-danni huma s-segwenti: €250 (salarju fil-ġimgħa) x 52 (sena) x 49 (aspettativa tal-ħajja = €637,000 – 18% (lump sum payment) = €522,340. 18% rata diżabilita' ta' dan l-aħħar ammont iġġib €94,021.

41. Il-Qorti trid tieħu ukoll kont ta' żieda minħabba l-inflazzjoni tal-ħajja li inevitabilment jiekol mill-valur ta' kull somma li qed tingħata illum. Din is-somma tirrapresenta ħlas antiċipat pero' mingħajr ma jittieħed qies li lħajja 'l quddiem ser togħla u għalhekk jinżel il-valur ta' din is-somma. Għalhekk għandu jkun hemm żieda fis-somma finali b'perċentwal raġjonevoli li jagħmel kemm jista' jkun tajjeb għall-inflazzjoni u żvalutazzjoni tal-munita mal-medda ta' żmien aktar u aktar fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti meta d-danneġġjat kien ta' eta' żgħira meta seħħ l-inċident. Għalhekk il-Qorti tħoss li żieda ta' għaxart elef

ewro (€10,000) mas-somma fuq likwidata biex jagħmel tajjeb għal dan il-fattur hija ġusta fiċ-ċirkostanzi.

42. Għalhekk is-somma totali li ser tkun dovuta mill-konvenuti hija dik ta' mija u erbgħat elef u wieħed u għoxrin ewro (€104,021)."

9. B'sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, il-Qorti ddeċidiet hekk:

"Tilqa' l-ewwel talba u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma responsabbli għaddanni u spejjeż sofferti mill-Attur konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet nhar l-20 ta' Awwissu 2018.

Tilqa' it-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' mija u erbgħat elef wieħed u għoxrin ewro (€104,021).

Tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża kollha a' karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom."

10. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ppreżenta dan l-appell bis-segwenti aggravji:

L-Ewwel Aggravju

11. Dan l-aggravju huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx in-nuqqas ta' notifika tal-ittra ġudizzjarja lill-appellant Marjan Lee Pantallereso u n-nuqqas ta' dettalji meħtieġa kif tirrikjedi il-liġi. L-appellant jilmenta wkoll dwar in-nuqqas min-naħa tal-attur li jużа' l-proċedura skont l-Artikolu 166A.

12. Din il-Qorti tqis li l-attur bagħat (kien għadu minorenni u b'hekk bagħtuha l-ġenituri tiegħu f'ismu) ittra uffiċjali normali u mhux waħda skont l-Artikolu 166A. Ġaladarba d-danni kienu għadhom mhux likwidati, l-attur ma seta' qatt jibgħat ittra taħt il-proċedura tal-Artikolu 166A. Din ġiet debitament notifikata lill-appellant Marjan Lee Pantalleresco u l-konvenuta Frances Pantalleresco fid-29 ta' Settembru 2018.

13. Dan l-aggravju huwa totalment frivolu u qiegħed jiġi miċħud.

<u>It-Tieni aggravju</u>

14. It-tieni aggravju huwa dwar l-indikazzjoni skorretta tar-razza tal-kelb waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Fir-rikors promutur jiġi ndikat bħala *American Pitbull* iżda fil-verita` l-kelb kien ta' razza ta' *Labrador* u għalhekk il-gidma ma setgħetx kienet daqshekk aggressiva.

15. Dan il-punt qatt ma ġie sollevat fil-kawża in prim'istanza; anzi l-appellant stess irrefera għall-kelb bħala razza *American Pitbull* fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Jibqa' l-fatt illi n-ness bejn l-inċident u d-danni ġie ppruvat u r-razza tal-kelb hija rrelevanti f'dan il-kuntest.

16. It-tieni aggravju wkoll qed jiġi miċħud.

It-Tielet aggravju

17. F'dan l-aggravju l-appellant jitratta d-distinzjoni bejn proċeduri kriminali u dawn ċivili. Din il-Qorti ma tistax tifhem ir-rilevanza ta' din id-distinzjoni għall-każ preżenti. Kemm l-appellant kif ukoll ommu nstabu ħatja fil-proċeduri kriminali. Ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq l-eżitu tal-proċeduri kriminali meta wieħed iħares lejn il-provi voluminużi fil-kawża ċivili illi juru t-traskuraġni. Fuq livell purament ċivili japplika l-prinċipju ta' *objective liability* skont l-Art.1040 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. It-tielet aggravju huwa wkoll miċħud.

Ir-Raba' u l-Ħames aggravji

19. L-appellant jargumenta illi fir-rikors promutur ma kien hemm l-ebda tismija ta' perċentwal ta' diżabilita' u l-persentaġġ ta' diżabilita' milħuq mill-Ewwel Qorti huwa skorrett.

20. Mr. Joseph Briffa kkalkula d-diżabilta' permanenti minn aspett ta' kirurġija plastika u rikostruttiva (9%); Dr. Emma Micallef Konewko u Dr. Kristina Bettanzana minn aspett psikjatriku (12%). L-Ewwel Qorti m'għamlitx sempliċiment addizzjoni tal-perċentwali iżda ħadmet il-

perċentwal finali skont kalkolu ta' *weighted average* li huwa proprju intiż sabiex il-perċentwali finali ma jkunx wieħed eżorbitanti jew eċċessiv. Dan l-eżerċizzju huwa ferm stabilit minn dawn il-Qrati sabiex wieħed ma jasalx għal perċentwal ta' 100% jekk ir-riżultat ma jkunx il-mewt tal-vittma[1].

22. L-appellant jilmenta wkoll illi Dr Kristina Bettanzana eżaminat lil attur tliet snin wara li seħħ l-inċident u għalhekk laħaq għadda ż-żmien. Dan jimmilita favur, u mhux kontra, l-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti għaliex ir-rapport huwa prova ċara illi t-trawma tal-akkadut ma kinitx waħda temporanja iżda kienet għadha ċara f'moħħ Jean Claude Vella anke snin wara l-akkadut.

23. Dawn l-aggravji qed jiġu miċħudin.

<u>Is-Sitt aggravju</u>

24. L-appellant Marjan jisħaq illi ma kienx id-dar meta seħħ l-inċident u li ma hemm l-ebda prova li tindka li kien il-kelb tal-appellant li wettaq l-inċident. Jekk kellha tinstab responsabilita' għall-akkadut, din kellha taqa' fuq Frances Pantalleresco li ħarġet il-kelb bla ċinga u fuq Jean Claude

[1] Lawrence Camilleri et v Construct Furniture Company Ltd, 26 ta' Jannar 2022, Qorti Ċivili Prim'Awla.

Vella u missieru – minuri ta' erbatax-il sena li ma kellux għalfejn jitħalla waħdu barra fil-ħamsa ta' filgħodu u jitbiegħed mill-ħanut ta' missieru.

25. Din il-Qorti tinnota li l-appellant qatt ma ċaħad li kien il-kelb tiegħu li kkawża l-ġrieħi fuq Jean Claude Vella. Hu stess ammetta li kien jaf li l-kelb kien jitħalla joħroġ mingħajr ċinga u li kien iqis lill-kelb bħala ibnu. L-imprudenza grossolana tal-appellant toħroġ ċara mill-fatt meta ommu ppruvat tgħidlu x'kien ġara, huwa insista li jmur jorqod minflok.

26. Għalhekk dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ.

<u>Is-Seba' aggravju</u>

27. Dan l-aggravju huwa dwar il-ħlas ta' danni mill-appellant *in solidum* m'ommu kontumaci u li mil-lat proċedurali qatt ma kellu jitpoġġa fl-istess keffa ma' ommu, li kienet kontumaċi.

28. Din il-Qorti ma tistax tifhem dan l-aggravju. Il-kontumaċja t'ommu bl-ebda mod m'effettwat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Lanqas remotament ma jista' jingħad li poġġietu fl-istess keffa t'ommu. Il-kontumaċja tagħha ma sarrfitx f'ammissjoni li b'xi mod irriflettiet fuq l-appellant. Ir-responsabilita` tiegħu hija indipendenti minn dik t'ommu. Skont l-Art. 1040 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**1040**. Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li tagħmel użu minn annimal għaż-żmien li tagħmel użu minnu, iwieġbu għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna, sew jekk ikun jinsab taħt idejhom kemm jekk ikun intilef jew ħarab."

29. L-appellant għandu r-responsabilita` bħala sid l-annimal; ommu bħala l-persuna li kienet qiegħdha tieħu ħsieb il-kelb. Responsabbiltà li hija waħda oġġettiva, u li tista' tiġi eskluża biss bil-prova li l-fatt kien dovut għal forza maġġuri jew għall-ħtija tad-danneġġjat stess.[2] Ħaġa li ma ġietx ippruvata mill-appellant. M'hemmx għalfejn prova li kien in kolpa. Huwa rrilevanti jekk il-kelb kienx wieħed feroċi jew mans; jekk kienx prevedibbli li l-annimal jagħmilx il-ħsara li jkun għamel jew le.[3]

***Decide***

30. Għal dawn il-motivi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellant.

Peress li tqis dan l-appell fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, għall-finijiet tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta'

[2] Adone Azzopardi v Col. George Vaudray 28.04.1926 Appell Ċivili; Av. Dr. Anthony Farrugia v Carmel Calleja 28.02.1969 Appell Ċivili.

[3] Frendo Azzopardi v Bezzina 18.01.1897 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; Paolo Azzopardi v Arrigo Callus 26.03.1925 Appell Inferjuri.

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iħallas ukoll spejjeż addizzjonali s-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb